**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ERBGĦA U ERBGĦIN 18TA' JANNAR, 2023**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato, Dr Tiffany Ann Attard s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia, is-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ma setgħax jattendi għas-seduta għax jinsab imsiefer.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **44.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 44.1.1 | | Inqraw l-emails ta' appoloġija tal-Viċi Sindku Ignatius Farrugia li ma setgħax jattendi minħabba li jinsab imsiefer<br><br>L-appoloġiji ġew milqugħa. **Dok 1 anness.** |
| | | |
| **44.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 44.2.1 | | Fir-rigward li punt 1.3 il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li dak inhar ma ttiħdietx deċiżjoni. Hu qal li dik it-triq mhix ta' parkeġġ u min ikun ser itellef il-ħruġ u d-dħul mill-garaxxijiet m'għandux jipparkja. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qablet miegħu. |
| | | |
| 44.2.2 | | Fir-rigward ta' punt 43.4.3, is-Sindku qalet li ttieħed video ta' meta kien hemm it-trasport tal-iskola preżenti u deher biċ-ċar li ma kienx hemm għalfejn jitneħħew il- |

| | | |
|---|---|---|
| | | barriers. Dan il-Video intbagħat anke lill-iskola u kien hemm qbil li dan il-każ jiġi rrevokat u l-barriers ma jitneħħewx. |
| | | |
| 44.2.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato fuq punt 43.2.2 irringrazzja lis-Sindku, l-Kunsilliera u lill-istaff kollu fir-rigward tal-kunċert li sar fil-knisja Arċipretali taż-Żurrieq. Fuq punt ta' Pedara, hu qal li d-delegazzjoni li ġiet Malta, kienu ssuġġerew li jiġu f'April biex jiġi iffinalizzat il-ftehim ta' bejnietna. |
| | | |
| 44.2.4 | | Fuq punt 43.4.4 il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ser imur f'nursery biex jordna siġar tal-ballut. |
| | | |
| 44.2.3 | | Ġew approvati l-minuti tat-tlieta u erbgħin - il seduta. |
| | | |
| ***44.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 44.3.1 | | Is-Sindku qalet li :<br>• tagħti l-kondoljanzi lill-Kunsillier Dino Bonnici, lill-ħaddiem tal-Kunsill, lill-Kap tal-Oppożizzjoni u lis-Sinjura Parnis għan-nuqqas li ġarbu fil-familji rispettivi tagħhom. Hi rringrazzjat lil dawk li taw il-kondoljanzi lill-familja tagħha fin-nuqqas taz-ziju tagħha.<br>• Irringrazzjat lill-kunsilliera għall-attivitajiet suċċess, li saru fil-Milied.<br>• Ser isir Weekend break għall-familji fi Frar.<br>• Il-kanal li hemm fi Vjal ix-Xarolla ser jitwitta u jsir wiċċ ġdid fit-23 ta' Jannar. Kien hemm qbil li ma jingħatawx permessi ta' vetturi kbar f'toroq side roads ta' ma Vjal ix-Xarolla, waqt li jkun qed isir ix-xogħol.<br>• Kien hemm Dipartiment li staqsa meta ser tkun festa ħut. Kien hemm qbil li festa ħut din is-sena ssir 27/28 ta' Mejju, 2023. |
| | | |
| ***44.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 44.4.1 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li hemm bżonn li r-roundabout ta' Triq Sant Andrija issir refresh tagħha u jsirulha cat eyes. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 44.4.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li:<br>• kunsilli oħra qed iqassmu l-boroż tal-organic. Is-segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq irċieva 1800 pakkett biss minflok 5,000. Qed tistenna li |

| | | |
|---|---|---|
| | | l-Kunsill jingħata l-ammont kollu qabel ma jibda jqassam. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Staqsa fuq is-cctv ta' fejn ġnien il-Gibjun. Is-Sindku qalet li ser isiru fi ftit żmien ieħor mir-Reġjun Punent.<br>• Innota li l-bins mhux jitbatlu regolarment u l-pjazza mhux tinkines kull jum.<br>• Fi Triq il-Kbira qal li hemm il-globi għadhom mitfija.<br>• Is-cctv tal-Misraħ mhux taqbad l-akwata kollha<br>• Fuq fb kien hemm persuna kitbet li meriet lill-Kunsillier fuq li r-residenti ma jridux is-cctv fi Vjal il-Blue Grotto. Dan is-suġġett ser jiġi mitkellem f'punt ieħor fis-seduta.<br>• Fir-rigward tal-bankina għolja fi Triq Joseph M Cassar – qal li jaf li mill-Kunsill, xi persuna tat informazzjoni lill-kuntrattur. Fuq dan il-każ, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi xorta tkellmet mal-PA u kellhom jiċċekjaw il-każ. |
| | | |
| 44.4.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li :<br>• reġa semma bankina fi Triq Bronja li s'issa għadha ma ġietx imsewwija mill-kuntrattur. Kien hemm qbil li jekk ittawwal biex issir, dan il-kuntrattur għandu jiġi rrappurtat lill-pulizija.<br>• Issir sleeping policeman jew stop bejn Triq it-Torri k/m Triq Zakkarija Ronkali. Kien hemm qbil li issir stop marking. |
| | | |
| 44.4.4 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li:<br>• żewġ parkeġġi li l-Kunsill ilu jitlob biex tiddejjaq bankina fi Triq il-Qroll. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill għadu qed jistenna mingħand il-perit.<br>• Fi Triq iċ-Ċombini persuni qed jipparkjaw b'mod li jieħdu parkeġġ ta' żewġ karozzi. Il-pulizija qal li jekk il-Kunsill iwaħħal tabella biex il-vetturi jipparkjaw fil-linji gwida, l-pulizija tkun tista tħarrek. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Jirrakkomanda lir-Rokku Farrugia għal Ġieħ iż-Żurrieq li jmiss – Dan coach li ilu jikkowċa snin twal u hu denju għal dan il-premju. F'dan il-punt il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jeħtieġ li jiġu riveduti r-regoli ta' kif jingħata ġieħ iż-Żurrieq. |
| | | |
| 44.4.5 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li :<br>• Triq il-Wied kellha ssir parti minnha b'żebgħa biex ma tiżloqx, meta ser isir?<br>• Proġett ta' Vjal il-Blue Grotto fejn il-ħwienet tal-ikel, meta ser jibda?<br>• Il-Kunsill kien ħa ħsieb li l-ewwel persuna li fetħet ħanut wara l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu, kien għamillu ħafna regolamenti u issa li s-sid inbidel, il-Kunsill ma qallu xejn. Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li l-Kunsill irid jara jekk għandux kollox bil-permess u jekk le jkun irrappurtat. Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li l-Kunsill għandu jiċċertifika mal-konsulent tal-Kunsill. Is-Sindku qalet li l-Fratellanza ser jieħdu azzjoni biex jipproteġu l-monument. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • F'salib it-toroq fi Triq il-Ħaddiema jeħtieġ li ssir mera. Kien hemm qbil li jsir refresh taż-żebgħa tal-akwati.<br>• Issuġġerixxa li jitneħħew il-parkeġġi fi Triq P P Pullicino k/m Triq l-Imqabba. Ma kienx hemm qbil<br>• Parkeġġ ħażin quddiem iż-Żurrieq Wolves. Kien hemm qbil li jkunu avżati LESA biex jissorveljaw l-akwata. Kien hemm qbil li jsir refresh tal-linji tal-akwata. |
| | | |
| 44.4.6 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal:<br>• intalab biex jitneħħa d-dust bin quddiem il-ħanut tal-pastizzi minn Triq P P Saydon, għax qed jintuża ħażin. Kien hemm qbil li ġaladarba sid il-ħanut joħroġ dustbin kbir diċenti barra hu, jitneħħa u jitpoġġa x'imkien ieħor. Jekk l-iskart jerġa jitħalla, l-bin jerġa jsir fil-post.<br>• Residenti minn Vjal ix-Xarolla jridu li ssir barrier għax vettura tilfet il-kontroll u baqgħet għaddejja fis-service road. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li barriers, huma periklu kbir għas- sewwieqa tal-muturi. Kien hemm qbil li ma ssirx.<br>• Vjal ix-Xarolla issir sleeping policeman bejn Sqaq Barcellona, kien hemm qbil fuq dan.<br>• Il-Kunsill għandu jinforma lill-Enemalta li mal-ewwel ftit xita jinqata d-dawl. |
| | | |
| **44.4.7** | | **F'dan il-punt kien hemm qbil li jiġu diskussi Punti 44.6 u 44.7** |
| | | |
| ***44.6*** | | ***LESA – CCTV f'Misraħ Repubblika – Kien preżenti uffiċċjal tal-LESA*** |
| | | |
| 44.6.1 | | F'dan il-punt kien preżenti s-Sur Claudio Tonna – Direttur tal-LESA. Is-Sindku tatu merħba.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li qed jinnota parkeġġ ħażin fil-Misraħ Repubblika meta hemm cctv. Hu qal li qed ikun hemm geġwiġija sħieħa. Qed ikun hemm vetturi ukoll ipparkjat quddiem Triq iċ-Ċombini billi jostakolaw it-triq.<br><br>Is-Sur Tonna qal li s-cctv tal-Misraħ hi tal-forma PTZ jiġifieri li s-cctv tista iddur mill-control room tal-LESA, f'kull ħin. Is-Sur Tonna qal li kien hemm aktar problemi bil-one way ta' Triq San Mikiel, milli bil-parkeġġ ħażin. Hemm element ta' periklu akbar minn vettura li titla one way milli dawk li jipparkjaw ħażin.<br><br>Is-Sindku ssuġġeriet li tibqa cctv waħda u ddur f'kull tant żmien, biex ħadd ma jabbuża.<br><br>Biex issir cctv ġdida, jrid isir impact assessment bid-DPO u l-Kunsill jista jixtri cameras u jiġu sorveljati mil-LESA.<br><br>Kien hemm qbil li s-cctv tal-Misraħ issir tħares lejn il-Misraħ u Triq il-Kbira u jibdew il-proċeduri biex jitwaħħlu cctv fissi waħda turi lejn Triq San Mikiel u oħra li turi |

| | | |
|---|---|---|
| | | l-akwata ta' Triq l-Imqabba u Vjal il-Blue Grotto. L-ewwel irid isir risk/impact assessment report mid-DPO u laqgħa mar-residenti li jistgħu jiġu affetwati.<br><br>**Il-Kunsillier Joseph D'Amato ħareġ mis-seduta (ħin 20:20)** |
| | | |
| **44.7** | | **Sorveljanza fil-lokalita' – Kien preżenti uffiċċjal tal-Community Police** |
| | | |
| 44.7.1 | | Is-Sindku laqgħet lill-uffiċċjali tal-Komunita. L-ispettur tkellem f'isem il-community police taż-Żurrieq. Spjega x-xogħol tagħhom fil-komunita.<br>Intalab aċċess għal permessi li jagħmel il-kunsill lill-vetturi kbar(cranes). Kien hemm qbil fuq dan.<br>Tressqu xi ilmenti lejn l-uffiċċjali. |
| | | |
| **44.7.2** | | **Il-Ħin bħalissa kien 21:15. Kien hemm qbil unanimu li s-seduta titkompla sakemm jiġu eżawriti l-punti kollha fl-aġenda.** |
| | | |
| ***44.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| **44.5.1** | | **Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart – L-aħħar kwart 2022** |
| | | |
| 44.5.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport finanzjarju tal-aħħar kwart tas-sena li ħejjiet l-accountant tal-Kunsill. Dan ġie approvat **Dok 2.** |
| | | |
| **44.5.2** | | **Performance Appraisal tal-Impjegati** |
| | | |
| 44.5.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-performance appraisal reports, tal-impjegati għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn ġew approvati biex jieħdu l-massimu tal-bonus. **Dok 3** |
| | | |
| **44.5.3** | | **Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv** |
| | | |
| 44.5.3 | | Is-Sindku ressqet l-appraisal report li ħejjiet fuq is-Segretarju Eżekuttiv, għall-approvazzjoni tal-Kunsill.<br>Dan ġie approvat biex is-Segretarju Eżekuttiv tieħu l-massimu tal-bonus. Issa tali rapport jintbagħat lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex japprovaw il-parti tagħhom, qabel dan jittieħed.<br><br>**Dok4.** |
| | | |
| **44.5.4** | | **Rapport Pjan ta' ħidma 2022 – 2026 – rivedut f'Jannar 2023** |
| | | |
| 44.5.4 | | Is-Segretarju ressqet ir-rapport Pjan ta' ħidma 2022-2026 li ħejjiet u ġie approvat. **Dok 5** mehmuż. |
| | | |

<table>
<tr><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>44.8</td><td></td><td>Items oħra ta’ xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa</td></tr>
<tr><td>44.9</td><td></td><td>Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>44.9.1</td><td></td><td>Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:
<ul>
<li>Il-pulizija ġibdu l-attenzjoni li hemm bżonn ta’ bollard fi sqaq bejn Triq il-Kbira u Triq l-Inġiniera, għax qed ikun hemm vetturi jipparkjaw ġo fih. Kien hemm qbil li nagħddu l-każ lill-uffiċċjali tal-Komunita.</li>
<li>Inġibded l-attenzjoni li ż-żewġ soċjetajiet tar-raħal u resident f’Misraħ Repubblika oġġezzjonaw għal xi dettalji li hemm fil-pjanta li ħejjiet il-perit tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet mal-perit u għandha tirrevoka ċertu affarijiet mill-pjanta. Reġgħet bagħatet tfakkira biex il-proċess ma jieħux fit-tul.</li>
<li>Residenta tixtieq li ssir ħadida ‘U’ bar, biex ommha tkun tista taqbad magħha bex tgħinha tidħol ġor-residenza tagħha. Indirizz Triq Joseph M Cassar. Kien hemm qbil li jekk il-PA taċċetta l-għoli tal-bankina kif saret, din issir. Jekk il-PA titlob li l-bankina titbaxxa, ma jkunx hemmil-bżonn ta’ U bar.</li>
<li>Biex fi Triq l-Imqabba faċċata tal-ħanut ‘Convenience’ titneħħa l-bankina u tkun imdaħħla ‘l ġewwa bejn il-grawnd u is-siġar. Dan sabiex titwessa t-triq u n-nies ikunu aktar protetti fuq il-bankina. Kien hemm qbil li l-Kunsill javża lill-Sports Malta, minħabba li l-akwata ġiet żviluppata minnhom.</li>
<li>F’Marzu ser jiġi terminat il-kuntratt ta’ cleaning and maintenance tas-soft areas u ġonna. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li bi prova ta’ imqar 3 xhur, tieħu ħsieb li jsir ix-xogħol mil-ħaddiema assenjati mal-Kunsill u fejn jidħol tisqija u żriegħ ta’ fjuri, u żbir ta’ siġar jistgħu jsiru b’direct order, sakemm ma jinqabiżx l-ammont stipulat. Hi qalet li lesta li tieħu ħsieb dan ix-xoghol hi (bla ħlas). Kull sena l-Kunsill kien qed iħallas ‘l fuq minn 32,000E. Il-Kunsill ser jifranka ammont kbir u persważa li x-xogħol ikun aħjar.</li>
<li>Residenta minn Triq Santa Katarina trid lill-Kunsill biex jagħmel appell fuq PA/681/22. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill diġa għamel oġġezzjoni u l-PA ma aċċettatux. Issa hemm ċans li l-Kunsill jappella sa 21/01/2023. Is-Segretarju eżekuttivi infurmat li tkellmet mal-konsulent tal-Kunsill, fejn spjega li dan l-appell jista jiswa lill-Kunsill ‘l fuq minn 2,000E u li jekk l-Kunsill jappella għal dan is-sit, jista jiftaħ bieb u jappella għal oħrajn. F’każijiet oħra l-Kunsill ma appellax. Il-konsulent ikkuntatja lill-persuna li qed tagħmel l-ilment, biex jigwidha x’għandha tagħmel min-naħa tagħha. Ir-residenta xorta baqgħet tinsisti li l-Kunsill jappella u offriet li tħallas għal parti mill-ispejjeż li l-Kunsill joħroġ biex jappella. Mehmuż Dok 6- korrispondenza fuq il-każ. Kien hemm qbil li ġaladarba l-Kunsill ma appellax f’każijiet oħra m’għandux għax jappella f’dan il-każ.</li>
</ul></td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>44.10</td><td></td><td>APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-<br>ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.</td></tr>
</table>

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 44.10.1 | | Ġew approvati l-minuti ta' Reġjun Punent numru 13 u tal-Gal Xlokk numru 133. |
| | | |
| ***44.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 44.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 7** għall-ammont totali ta' €58,120.81<br><br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Tiffany Ann Attard u Kyle Mifsud. |
| | | |
| ***44.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 44.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-21:25 Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 22 ta' FRAR, 2023, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum _22__ ta' FRAR, 2023.

IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**